# FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)

**Illum 12 ta' Diċembru 2024**

**Wara l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 669/2024 AB fl-ismijiet:**

**Mark Fenech (KI 066574M)**
**vs.**
**Kenneth Mizzi (KI 0807248M), Ian Mizzi (KI 287560M) u Maurice Mizzi (KI 84036M)**

**Rikors numru 464/2024 ta' Kenneth Mizzi et fis-sensi tal-artikolu 836(1)(f) u 836(8)(b)(d) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta:**

**Il-Qorti**

1. Rat ir-rikors tas-sekwestrati fejn talbu lil din il-Qorti sabiex tħassar il-mandat ta' sekwestru infraskritt in toto jew in parte ai termini tal-artikolu **836(1)(f) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** peress li skonthom il-mandat ta' sekwestrant ma kellux raġuni għaliex jissussisti. Inoltre saħqu li huma m'humiex leġittimi kontradditturi in kwantu għalkemm joperaw bħala diretturi ta' Muscat Motors Limited, l-ilment tas-sekwestrant setgħu kienu diretti lejn il-kumpanija u ma setgħux fil-kontemp ikunu diretti lejhom fil-kapaċita tagħhom personali. Dan peress li huma personalment ma kellhom ebda relazzjoni ġuridika mas-sekwestrant. Kwalunkwe pretensjoni ta' spejjeż vantati mis-sekwestrant semmai kellhom jiġu diretti kontra Muscat Motors Limited u mhux kontra tagħhom personalment. Fiċ-ċirkostanzi r-rikorrenti talbu wkoll lil din il-Qorti sabiex fis-sensi tal-art 836(8)(b) u (d) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta tikkundanna lis-sekwestrant iħallas il-penali skont il-Liġi.

2. Rat illi s-sekwestrant Mark Fenech ġie notifikat bil-proċedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni, bl-aħħar pubblikazzjoni sseħħ nhar il-21 ta’ Novembru 2024.

3. Qieset ukoll li għas-seduta iffissata minn din il-Qorti appożitament nhar l-10 ta’ Diċembru 2024 deher l-Avukat Dottor Josephine Farrugia Mifsud fejn assumiet il-patroċinju tas-sekwestrant Mark Fenech.

4. Rat ukoll li minkejja li Fenech ġie notifikat bil-pubblikazzjoni u bl-affissjoni huwa naqas milli, fi żmien sebat ijiem minn notifika, jippreżenta nota li fiha jkun hemm is-sottomissjonijiet kollha li l-parti tkun tixtieq tagħmel flimkien mad-dokumenti li jidhrilha xierqa.

**Ikkunsidrat**

**It-talba tar-rikorrenti għat-tneħħija tal-mandat ta’ sekwestru bażata fuq l-artikolu 836(1)(f) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta.**

5. Taħt l-artikolu 836(1)(f) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta, irid jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li l-att kawtelatorju jinżamm fis-seħħ kollu jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli.

6. Mandat kawtelatorju jinħareġ taħt ir-responsabbilita' tar-rikorrent. Għalkemm dawn il-Qrati ma jesiġux formaliżmi esaġerati f’dak l-istadju, mill-banda l-oħra ma jfissirx li dawn il-mandati jistgħu jsiru b'leġġerezza, b'non kuranza jew bi traskuraġni. Wisq anqas għandhom isiru b’abbuż, b’mod frivolu jew vessatorju, b’intenzjoni qarrieqa, jew b’finalita’ ta’ liwi tal-idejn (*arms twisting*) kontra dawk li jkunu ġew maħruġa.

7. F’dan il-każ, kif jirriżulta wkoll mill-eċċezzjonijiet preżentati minnhom fl-atti tal-kawża numru 651/24JVC – u li tagħhom din il-Qorti ħadet *judicial notice with inquiry* - il-bażi ta’ parti mill-argumenti miġjuba mir-rikorrenti sekwestrati f’din l-istanza hija msejsa fuq il-ħtieġa li din il-Qorti tistħarreġ parti mill-meritu tal-vertenza bejn il-partijiet fis-sens li l-istess punti li ġew sollevati f’ uħud mill-eċċezzjonijiet tagħhom fil-kawża. B’hekk din il-Qorti trid toqgħod attenta li ma tiġix f’sitwazzjoni li bid-deċiżjoni tagħha tinvesti l-meritu jew parti minnu intempestivament.

8. Jingħad biss f'dan l-istadju li mill-analiżi li din il-Qorti għamlet, dan il-mandat ta' sekwestru setgħa kien *prima faciae* parzjalment ġustifikat fil-konfront tas-soċjeta intimata mill-banda l-oħra taqbel mar-rikorrenti li ma kienx ġustifikabbli li jibqa' fis-seħħ fil-konfront ta' Kenneth Mizzi (KI 0807248M), Ian Mizzi (KI 287560M) u Maurice Mizzi (KI 84036M) fil-kapaċita tagħhom personali.

9. Mill-banda l-oħra it-talba tar-rikorrenti għat-tneħħija tal-istess mandat in bażi għal dak dispost fl-art. 836(1)(f) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta ma jistax ukoll jiġi estiż fir-rigward tas-soċjeta kummerċjali Muscat Motors Limited (C 420) in kwantu l-elementi rikjesti minn dak is-subinċiż ma jistgħux jitqiesu applikabbli wkoll fil-konfront ta' dik is-soċjeta. In effetti r-rikorrenti ġew ċitati in ġudizzju f'isimhom proprju kif ukoll bħala diretturi fi ħdan il-kumpanija Muscat Motors Limited (C420). Kif jirriżulta wkoll mill-eċċezzjonijiet preżentati minnhom fl-atti tal-kawża numru 651/24JVC l-istess konvenuti, rikorrenti f'din l-istanza, ma qajmu ebda eċċezzjoni dwar il-fatt kif huma ġew imħarkin f'isem is-soċjeta kummerċjali msemmija. Anzi, kif ingħad iżjed il-fuq ikkontestaw il-kawża, *inter alia*, fuq bażi preliminari li fiha kienu ġew ċitati f'isimhom personali u fil-meritu li ebda ammont ma kien dovut mis-soċjeta minnhom rappreżentata lill-attur f'dik il-kawża. Bl-ebda mod ma kkontestaw li meta kienu imħarkin fil-kapaċita tagħhom ta' diretturi ta' Muscat Motors Limited huma kienu qegħdin allura jiġu ċitati in ġudizzju f'isem dik l-istess soċjeta, li allura kienet il-konvenuta proprja.

10. L-istess jista allura jingħad f'din l-istanza. L-enfażi magħmula mir-rikorrenti in bażi għal dak provdut mill-art 836(1)(f) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta kienet fuq il-fatt li huma ġew soġġetti għall-mandat tas-sekwestru fil-kwalita personali tagħhom. Iżda ġaladarba dak il-mandat ġie wkoll maħruġ kontrihom "bħala diretturi fi ħdan il-kumpanija Muscat Motors Limited C 420", u allura fil-konfront tas-soċjeta kummerċjali, din il-Qorti ma tqisx li t-talba tar-rikorrenti tista' tiġi wkoll milqugħa in bażi għall-artikolu ċitat minnhom.

**Konsegwentement tqis li f'dan l-istadju hemm raġunijiet fil-fatt u fid-dritt li jwasluha tikkonkludi li t-talba tar-rikorrenti għandha tiġi parzjalment milqugħa billi l-mandat ta' sekwestru de quo jiġi mħassar in kwantu maħruġ kontra ta' Kenneth Mizzi (KI 0807248M), Ian Mizzi (KI 287560M) u Maurice Mizzi (KI 84036M) f'isimhom personali filwaqt li jibqa' fis-seħħ fil-konfront tagħhom fil-kapaċita ta' diretturi, u allura**

**in rappreżentanza tas-soċjeta kummerċjali Muscat Motors Limited (C420).**

**Talba għal imposizzjoni tal-penali u danni fis-sensi tal-artikolu 836(8)(b)(d) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.**

11. Din il-proċedura t'imposizzjoni ta' penali ġiet ritenuta bħala kwistjoni t'ordni pubbliku. Biex din il-penali tkun tista' tiġi imposta, huwa biżżejjed li r-rikorrent jipprova li tkun seħħet xi waħda minn dawk iċ-ċirkostanzi msemmija fis-sub-artikolu 8 fejn dawk ir-raġunijiet ma humiex kumulattivi iżda alternattivi għal xulxin. Il-penali, isimhom magħhom, huma forma ta' "poena": sanzjonijiet imposti mill-Liġi fil-każijiet fejn tkun ġiet pruvata almenu waħda minn dawk iċ-ċirkostanzi msemmija fil-paragrafi (a) sa (d) imsemmija tas-sub-artikolu 8. Peress li jagħtu lok għal penali, dawn iċ-ċirkostanzi huma eżawrjenti u ma jgħoddx li jiżdiedu raġunijiet oħra magħhom.

12. Dawn il-penali jsibu l-bażi u r-raġuni tagħhom fin-neċessita li tiġi mħarsa s-serjeta li trid il-Liġi fit-tħaddim tal-istitut tal-mandati kawtelatorji. Dan l-istitut jaf ikollu u jħalli effetti serji immens fuq il-ħajja, saħħa, integrita jew disponibilita patrimonjali tal-persuna milquta mill-ħruġ tal-mandat. Għalhekk daqskemm il-Liġi tippermetti l-użu leġittimu, xieraq u *in buona fede* ta' dawn il-mandati biex persuna tikkawtela l-jeddijiet tagħha meta u fejn jixraq, daqstant ieħor l-istess Liġi tħares bl-ikrah lejn min juża dawn il-miżuri għall-għarrieda u bla preavviż, jew għal skopijiet ħżiena, b'qerq jew b'animu ħażin. Dan għaliex il-Liġi ma tridx min jabbuża mill-proċess ġudizzjarju; u min jazzarda jagħmel dan imbagħad irid iwieġeb għal għemilu billi jeħel is-sanzjoni imsemmija fil-Liġi.[1]

13. B'hekk meta persuna tiġi biex toħroġ mandat kawtelatorju trid, <u>inter alia</u>, tqis:

(a) li jkollha <u>pretensjoni</u> x'tikkawtela li tkun <u>vera</u>, <u>leġittima</u> u <u>dimostrabbli</u>;
(b) li jkollha l-<u>ħtieġa</u> li tirrikorri għall-ħruġ ta' mandati kawtelatorji biex tikkawtela dik il-pretensjoni;
(c) li jkollha <u>ġustifikazzjoni</u> fil-ħruġ ta' dak il-mandat;

[1] Ara **John Zarb vs. Port Cottonera Limited** deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar it-18 ta' Settembru 2002.

(d) li – salv f'każijiet urġenti - il-ħruġ ta' dak il-mandat kawtelatorju ma jkunx sar ħin qabel il-waqt jew mingħajr ma l-intimat ikun ġie msejjaħ biex jagħmel tajjeb għall-pretensjoni tar-rikorrent;
(e) li salv f'każijiet urġenti u f'każ ta' dejn mhux likwidu, li tkun talbet lill-intimat jipprovdi sigurtà biżżejjed biex jagħmel tajjeb għall-pretensjoni tar-rikorrent;
(f) in-nuqqas ta' raġonevolezza tal-ħruġ ta' dak il-mandat meta l-intimat ikun magħruf sew li ma jkollux problemi ta' likwidita' u fejn ma jkunx hemm raġuni li dik il-persuna tiddubita mill-likwidita tal-intimat u l-kapaċita tiegħu li jħallas u jagħmel tajjeb għall-pretensjonijiet tagħha;
(g) li t-talba għall-ħruġ tal-mandat kawtelatorju tkun saret *in buona fede* u ma tkunx saret b'malizzja jew inkella tkun frivola jew vessatorja; u
(h) li tkun segwiet it-talba għall-ħruġ tal-mandat bil-proċedura ġudizzjarja għall-aċċertament tal-jeddijiet pretiżi minnha li jkunu jaqblu u jsegwu mal-kawżali indikati fir-rikors għall-ħruġ tal-mandat kawtelatorju fiż-żmien stabbilit mill-Liġi.

14. Fil-każ li persuna tottjeni l-ħruġ ta' mandat kawtelatorju bi ksur ta' xi wieħed minn dawn ir-raġunijiet imsemmija fil-Liġi, il-persuna li kontra tagħha jkun inħareġ dak il-mandat għandha r-rimedju mogħti lilha mill-Liġi mhux biss li titlob it-tħassir tal-mandat kollu kemm hu jew parti minnu fis-sensi tal-artikolu 836(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta; iżda saħansitra li titlob lil Qorti biex twaħħal lil min ikun ħareġ dak il-mandat kawtelatorju dik il-penali msemmija fil-Liġi.[2] Allura f'dak il-każ, dik il-persuna imbagħad tkun qegħda tesponi lilha nnifisha għall-possibilita li tiġi sanzjonata mill-Qorti billi tiġi kundannata tħallas il-penali li ssemmi l-Liġi f'dan l-artikolu 836(8)(a) sa (d) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.[3]

15. F'dan il-każ, ma ġiex muri lil din il-Qorti li qabel ma intavola l-ittra uffiċjali fis-sensi tal-art 166A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta u l-kontestwali mandat ta' sekwestru kawtelatorju, is-sekwestrant kien, fi żmien ħmistax-il jum qabel ma sar ir-rikors għall-ħruġ tal-att kawtelatorju, huwa kien, b'xi mod talab lill-konvenut li jħallas id-dejn. In bażi għal dan il-kap, it-talba tar-rikorrenti tirriżulta pruvata. Din il-

[2] U dan oltre dak previst mill-artikolu 836(9) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta iżda li f'dan il-każ il-Qorti mhix se tiddelunga wisq fuqu in kwantu ma kienx hemm talba appożita għal dann wkoll taħt dan is-subartikolu.
[3] Ara **Cole Foods Ltd. vs. Euro Imports Ltd** deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar it-13 ta' Marzu 2003 u **Farrugia vs. C&F Building Contracters Ltd.** deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar l-14 ta' Awissu 2014.

Qorti ma għandhiex prova li l-mandat ta’ sekwestru inħareġ b’malizja jew li t-talba kienet frivola jew vessatorja.

**Konsegwentement f’dan il-każ tqis li hemm l-estremi sabiex it-talba għal imposizzjoni ta’ penali tiġi milqugħa, għalkemm fiċ-ċirkostanzi tal-każ għandha tinżamm fil-minimu tagħha.**

# DECIDE

**Għall-motivi premessi, din il-Qorti qegħda:**

**(a) Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tar-raba’ talba u fil-kontemp**

**(b) tilqa’ parzjalment l-ewwel u tieni talba tar-rikorrenti billi fis-sensi tal-artikolu 836(1)(f) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta, tordna li l-mandat ta’ sekwestru de quo jiġi mħassar safejn maħruġ kontra ta’ Kenneth Mizzi (KI 0807248M), Ian Mizzi (KI 287560M) u Maurice Mizzi (KI 84036M) f’isimhom personali filwaqt li l-istess mandat ta’ sekwestru jibqa’ fis-seħħ fil-konfront tagħhom fil-kapaċita ta’ diretturi, u allura in rappreżentanza tas-soċjeta kummerċjali Muscat Motors Limited (C420); kif ukoll**

**(c) tilqa’ parzjalment it-tielet talba għal imposizzjoni ta’ penali fis-sensi tal-art 836(8)(b) iżda mhux ukoll taħt l-art 836(8)(d) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta u konsegwentement tikkundanna lis-sekwestrant Mark Fenech sabiex iħallas il-penali ta’ elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69) lis-sekwestrati.**

**Bl-ispejjeż ta’ din il-proċedura jinqasmu nofs b’nofs bejn il-kontendenti.**

**Ft/Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**

**Christianne Borg**
**Deputat Reġistratur**